



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2010/0252(COD)

15.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika tal-ispettru tar-radju
(COM(2010)0471 – C7-0270/2010 – 2010/0252(COD))

Rapporteur għall-opinjoni: Petra Kammerevert

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Permezz tal-proposta għal deċiżjoni, il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta l-ewwel programm tal-politika tal-ispettru tar-radju għall-Ewropa kollha, għall-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru fi ħdan l-UE (minn hawn 'il quddiem "RSPP" – Radio Spectrum Policy Programme).
2. Dan jiffoka fuq l-iżvilupp ta' spettru għal komunikazzjonijiet *broadband* bla fili, bil-għan li jitwettaq l-għan imsemmi fl-Aġenda Diġitali, jiġifieri li sal-2020, iċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jingħataw aċċess għal servizzi *broadband* b'veloċità ta' mill-inqas 30 Mbps.
3. Il-frekwenzi tal-ispettru huma beni pubbliċi u riżorsa skarsa ferm. Huma indispensabbli għall-qadi ta' kompiti varji soċjali, kulturali u ekonomiċi. Bir-reviżjoni tal-2009 tal-qafas legali Komunitarju għall-qasam tal-komunikazzjoni elettronika l-Kummissjoni ntrabtet li fil-ġestjoni tal-ispettru tikkunsidra dawn l-aspetti b'mod ugwali u adegwat. B'hekk, huwa assolutament inevitabbli li r-rekwiżiti stabbiliti mill-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni jiffurmaw il-bażi tal-RSPP. Għaldaqstant, għandu jiġi żgurat li l-RSPP, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, jikkonforma ma' dan il-qafas legali u ma jaqax lura meta mqabbel mal-prinċipji legali stipulati fih.
4. B'mod partikolari għandu jiġi żgurat li
 - a) L-RSPP jagħti biżżejjed lok għall-iżvilupp xieraq tax-xandir diġitali terrestri u tat-televiżjoni ibrida. Fl-Ewropa, it-tifrix ta' programmi mhux kodifikati permezz tal-istandards dvb-t jew dvb-t2 sar pilastru indispensabbli għall-pluraliżmu fil-midja. Barra minn hekk, is-sistema terrestri hija l-unika sistema mhux proprjetarja ta' tifrix għax-xandir li tinsab għad-dispożizzjoni tal-utenti kollha b'mod identiku u ndaq. Għandha tiġi żgurata l-koeżistenza, mingħajr interferenza, tal-komunikazzjonijiet mobbli u tax-xandir fil-meded rispettivi, b'mod partikolari fejn jistgħu jinzertaw ħdejn xulxin riċevituri bi standards differenti. Xi drabi x-xandir terrestri jibqa' l-uniku metodu ta' xandir ekonomikament adatt għar-radju u t-televiżjoni portabbli u mobbli, u b'hekk anki sostenibbli.
 - b) Il-frekwenzi disponibbli jiġu utilizzati b'mod effiċjenti. Biex dan isir, tinħtieġ evalwazzjoni regolari tal-użu tal-ispettru. Skont il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni, dan il-kompitu jaqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Il-livell Ewropew m'għandux jinvolvi ruħu ħlief l-aktar l-aktar fil-koordinazzjoni.
 - c) Jiġu evitati kemm jista' jkun disturbi u interferenzi kkawżati mill-allokazzjoni ta' frekwenzi ġodda tal-ispettru.
 - d) Ikunu previsti b'mod obligatorju miżuri ta' kumpens għal investimenti fil-meded tal-ispettru użati preċedement (pereżempju għad-dvb-t) jew investimenti neċessarji minħabba l-allokazzjoni ta' frekwenzi ġodda (pereżempju PMSE).
5. L-ispettru tar-radju jservi biex jaqdi interessi pubbliċi, differenti ħafna bejniethom, fl-Istati Membri. F'dan ir-rigward, hemm diversi speċifitàjiet nazzjonali u reġjonali li

jeħtieġ li jġu kkunsidrati. Hemm dubju dwar jekk l-UE hijiex f'pożizzjoni li tibbilanċja dawn l-interessi b'mod tajjeb u effiċjenti daqs l-Istati Membri tagħha. Għaldaqstant (u fid-dawl tal-kompetenza allokata lilhom kif stipulat fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva Kwadru) għandhom jġu miċħuda ppjanar u ġestjoni superjuri f'livell Ewropew. Bl-istess mod, hemm xettiċiżmu kbir fir-rigward ta' kompetenza proprja tal-Kummissjoni għal negozjati internazzjonali. Għall-kuntrarju ta' dan, jintlaqa' b'sodisfazzjon irwol kumplimentari tal-UE bħala koordinatriċi billi din tappoġġja lill-Istati Membri tagħha.

6. Barra minn hekk, għandhom jġu evitati deċiżjonijiet għaġġelija dwar l-allokkazzjoni ta' frekwenzi, u bis-saħħa ta' miżuri adattati għandu jġi żgurat li fil-frekwenzi allokatu l-ġodda jġu applikati standards ta' trażmissjoni msejsa fuq bażi xjentifika suffiċjentement soda li jiggarrantixxu l-aħjar kwalità possibbli tas-servizz ipprovdut bl-inqas spejjeż ta' distribuzzjoni. Diġà issa huwa ppruvat, pereżempju, li l-istandard LTE mhuwiex aktar effiċjenti mill-istandard dvb-t2.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Artikolu 8a(3) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikunu stabbiliti programmi pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju li jistabbilixxu l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru skont id-direttivi applikabbli għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Dawn l-orjentazzjonijiet u l-

Emenda

(1) L-Artikolu 8a(3) tad-Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009, dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) ***kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009¹*** jipprovdi li l-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex ikunu stabbiliti programmi pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju li jistabbilixxu l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għall-ippjanar

għanijiet tal-politika għandhom jirreferu għad-disponibbiltà u għall-użu effiċjenti tal-ispettru li jkunu meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern. ***Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-UE eżistenti, b'mod partikolari d-Direttiva 1999/5/KE u d-Direttivi 2002/20/KE u 2002/21/KE, kif ukoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. Hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jittieħdu fuq il-livell nazzjonali, f'konformità mal-liġi tal-UE, sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari relatati mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u mal-politika awdjoviżiva u mad-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tagħhom għal finijiet u għad-difiża tal-ordni pubbliku u tas-sigurtà pubblika.***

strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru skont id-direttivi applikabbli għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Dawn l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika għandhom jirreferu għad-disponibbiltà u għall-użu effiċjenti tal-ispettru li jkunu meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern. ***Barra minn hekk, wara li ġie kkunsidrat li hemm riskju reali ta' interferenza fir-riċezzjoni ġenerali tax-xandir awdjoviżiv, indipendentement minn jekk huwiex analogue jew le, tali politiki u s-suq li jirreferi għalih għandhom jiżguraw protezzjoni qawwija tad-drittijiet tal-konsumatur u informazzjoni pubblika xierqa dwar il-bidla li jmiss issir.***

¹ *ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37.*

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-ispettru huwa riżorsa prinċipali għas-setturi u għas-servizzi essenzjali, inklużi l-komunikazzjonijiet mobbli, broadband bla fili u satellitari, ix-xandir bit-televiżjoni u bir-radju, it-trasport, ir-radjolokazzjoni, u applikazzjonijiet bħal sistemi ta' allarm, kontrolli mill-bogħod, apparati li jgħinu s-smiġh, mikrofoni u tagħmir mediku. Huwa jappoġġja servizzi pubbliċi bħas-servizzi tas-sigurtà u tas-sikurezza, inkluża l-protezzjoni ċivili, u l-attivitajiet xjentifiċi, bħall-meteoroloġija, l-osservazzjoni tad-Dinja, ir-radjuastronomija u r-riċerka spazjali. Il-miżuri regolatorji dwar l-ispettru b'hekk għandhom

Emenda

(2) L-ispettru huwa ***għid pubbliku li għandu valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti ħafna.*** Huwa riżorsa prinċipali għas-setturi u għas-servizzi essenzjali, inklużi l-komunikazzjonijiet mobbli, broadband bla fili u satellitari, ix-xandir bit-televiżjoni u bir-radju, it-trasport, ir-radjolokazzjoni, u applikazzjonijiet bħal sistemi ta' allarm, kontrolli mill-bogħod, apparati li jgħinu s-smiġh, mikrofoni ***bla fili*** u tagħmir mediku. Huwa jappoġġja servizzi pubbliċi bħas-servizzi tas-sigurtà u tas-sikurezza, inkluża l-protezzjoni ċivili, ***il-faċilitazzjoni tar-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadin u l-Istat permezz ta' governanza***

implikazzjonijiet ekonomiċi, għas-sikurezza, għas-saħħa, għall-interess pubbliku, kulturali, xjentifiċi, soċjali, ambjentali u tekniċi.

elettronika u l-attivitajiet xjentifiċi, bħall-meteoroloġija, l-osservazzjoni tad-Dinja, ir-radjuastronomija u r-riċerka spazjali. Il-miżuri regolatorji dwar l-ispettru b'hekk għandhom implikazzjonijiet ekonomiċi, għas-sikurezza, għas-saħħa, għall-interess pubbliku, kulturali, xjentifiċi, soċjali, ambjentali u tekniċi.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) L-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni għandhom ikabbru s-suq uniku għas-servizzi u għat-tagħmir tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bla fili kif ukoll politiki oħrajn tal-Unjoni li jeżiġu l-użu tal-ispettru, biex b'hekk joħlqu opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u jagħtu kontribut għall-irkupru ekonomiku u għall-integrazzjoni soċjali mal-Unjoni kollha, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti tal-ispettru. Għal dan il-għan, l-Unjoni għalhekk teħtieġ programm ta' politika li jkorpi s-suq intern fl-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu tal-ispettru bħall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), it-trasport u l-enerġija.

Emenda

(3) L-ippjanar strateġiku u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru fuq il-livell tal-Unjoni għandhom ikabbru s-suq uniku għas-servizzi u għat-tagħmir tal-komunikazzjonijiet elettroniċi bla fili kif ukoll politiki oħrajn tal-Unjoni li jeżiġu l-użu tal-ispettru, biex b'hekk joħlqu opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u jagħtu kontribut għall-irkupru ekonomiku u għall-integrazzjoni soċjali mal-Unjoni kollha, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku importanti tal-ispettru. Għal dan il-għan, l-Unjoni għalhekk teħtieġ programm ta' politika li jkorpi s-suq intern fl-oqsma kollha tal-politika tal-Unjoni li jinvolvu l-użu tal-ispettru bħall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D), it-trasport, **il-kultura** u l-enerġija.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-ewwel programm għandu jispeċifika l-prinċipji u l-għanijiet ta' gwida għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet tal-

Emenda

(5) L-ewwel programm għandu jispeċifika l-prinċipji u l-għanijiet ta' gwida għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet tal-

Unjoni sal-2015, u għandu jistabbilixxu inizjattivi implimentattivi speċifiċi. **Filwaqt li l-ġestjoni tal-ispettru għadha fil-parti l-kbira kompetenza nazzjonali, din għandha tkun eżerċitata f'konformità mal-liġi tal-Unjoni eżistenti u għandha tagħti lok għal azzjoni sabiex ikunu segwiti l-politiki tal-Unjoni.**

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Il-programm għandu jikkunsidra wkoll id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-radju) u l-kompetenza teknika tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), **sabiex il-politiki tal-Unjoni li jiddependu mill-ispettru u ġew miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill ikunu jistgħu jiġu implimentati permezz ta' miżuri tekniċi implimentattivi (fejn jiġi nnotat li tali miżuri jistgħu jittieħdu kull meta jkun meħtieġ sabiex jiġu implimentati politiki tal-Unjoni diġà eżistenti).**

Unjoni sal-2015, u għandu jistabbilixxu inizjattivi implimentattivi speċifiċi. **Il-ġestjoni tal-ispettru hi kompetenza nazzjonali u għandha tkun eżerċitata b'konformità mal-liġi eżistenti tal-EU u għandha tagħti lok biex jiġu adottati miżuri ħalli tiġi segwita politika tal-ispettru tal-UE. Skont l-Artikolu 8a(1) tad-Direttiva Qafas, l-Istati Membri meħtieġa jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni b'rabta mal-ippjanar strateġiku, il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru.**

Emenda

(6) Il-programm għandu jikkunsidra wkoll id-Deċiżjoni Nru. 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-radju) u l-kompetenza teknika tal-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT). Il-politiki tal-Unjoni li jiddependu mill-ispettru u ġew miftiehma mill-Parlament u mill-Kunsill **għandhom** ikunu jistgħu jiġu implimentati permezz ta' **regoli** tekniċi ta' implimentazzjoni. **Dawn għandhom ikunu bbażati fuq l-orjentazzjonijiet u l-għanijiet tal-politika tal-frekwenza tal-UE li ġew stipulati fl-Artikolu 8a tad-direttiva qafas.**

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) In-negozju fid-drittijiet tal-ispettru flimkien ma' kundizzjonijiet flessibbli ta' użu għandhom ikunu ta' benefiċċju sostanzjali għat-tkabbir ekonomiku. ***Għalhekk, il-meded fejn il-liġi tal-Unjoni diġà introduċiet użu flessibbli għandhom ikunu jistgħu jiġu nnegożjati immedjatament f'konformità mad-Direttiva Kwadru.*** Barra minn hekk, prinċipji komuni għall-format u għall-kontenut ta' drittijiet li jistgħu jiġu nnegożjati ta' din ix-xorta kif ukoll miżuri komuni sabiex tkun ipprevenuta akkumulazzjoni tal-ispettru li tista' toħloq pożizzjonijiet dominanti kif ukoll nuqqas mhux xieraq li jintuża l-ispettru akkwistat, għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni koordinata mill-Istati Membri kollha ta' dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-akkwist ta' drittijiet ta' din ix-xorta fi kwalunkwe post fl-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-broadband bla fili huwa mezz importanti sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni, lill-għażla tal-konsumaturi u lill-aċċess f'żoni rurali u żoni oħrajn, fejn l-użu tal-broadband bil-fili huwa diffiċli jew mhux vijabbli ekonomikament. Madankollu, il-ġestjoni tal-ispettru tista' taffetwa l-kompetizzjoni billi tbiddel ir-rwol u s-setgħa tal-parteċipanti fis-suq, pereżempju jekk l-utenti eżistenti jirċievu

Emenda

(8) In-negozju fid-drittijiet tal-ispettru flimkien ma' kundizzjonijiet flessibbli ta' użu għandhom ikunu ta' benefiċċju sostanzjali għat-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, prinċipji komuni għall-format u għall-kontenut ta' drittijiet li jistgħu jiġu nnegożjati ta' din ix-xorta kif ukoll miżuri komuni sabiex tkun ipprevenuta akkumulazzjoni tal-ispettru li tista' toħloq pożizzjonijiet dominanti kif ukoll nuqqas mhux xieraq li jintuża l-ispettru akkwistat, għandhom jiffaċilitaw l-introduzzjoni koordinata mill-Istati Membri kollha ta' dawn il-miżuri u jiffaċilitaw l-akkwist ta' drittijiet ta' din ix-xorta fi kwalunkwe post fl-Unjoni.

Emenda

(9) Kif ġie enfasizzat fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, il-broadband bla fili huwa mezz importanti sabiex tingħata spinta lill-kompetizzjoni, lill-għażla tal-konsumaturi u lill-aċċess f'żoni rurali u żoni oħrajn, fejn l-użu tal-broadband bil-fili huwa diffiċli jew mhux vijabbli ekonomikament. Madankollu, il-ġestjoni tal-ispettru tista' taffetwa l-kompetizzjoni billi tbiddel ir-rwol u s-setgħa tal-parteċipanti fis-suq, pereżempju jekk l-utenti eżistenti jirċievu

vantaġġi kompetittivi mhux xierqa. Aċċess limitat għall-ispettru, b'mod partikolari meta l-ispettru adattat isir iktar skars, jista' joħloq ostakolu għad-dħul ta' servizzi jew applikazzjonijiet ġodda u jfixkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. L-akkwist ta' drittijiet ġodda għall-użu, inkluż permezz tan-negozju fl-ispettri, jew ta' tranżazzjonijiet oħrajn bejn l-utenti, u l-introduzzjoni ta' kriterji flessibbli ġodda għall-użu tal-ispettru jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni kompetittiva eżistenti. L-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu miżuri regolatorji ex ante jew ex post xierqa (bħal azzjoni sabiex jiġu emendati d-drittijiet eżistenti, ikunu pprojbti ċerti akkwisti tad-drittijiet tal-ispettru, ikunu imposti kundizzjonijiet fuq il-ħżin tal-ispettru u fuq l-użu effiċjenti, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 9(7) tad-Direttiva Kwadru, sabiex ikun limitat l-ammont ta' spettru għal kull operatur, jew sabiex tkun evitata akkumulazzjoni eċċessiva ta' spettru), sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni skont il-prinċipji tal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2002/20/KE (id-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni") u l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 87/372/KEE (id-Direttiva "GSM").

vantaġġi kompetittivi mhux xierqa. Aċċess limitat għall-ispettru, b'mod partikolari meta l-ispettru adattat isir iktar skars, jista' joħloq ostakolu għad-dħul ta' servizzi jew applikazzjonijiet ġodda u jfixkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni. L-akkwist ta' drittijiet ġodda għall-użu, inkluż permezz tan-negozju fl-ispettri, jew ta' tranżazzjonijiet oħrajn bejn l-utenti, u l-introduzzjoni ta' kriterji flessibbli ġodda għall-użu tal-ispettru jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni kompetittiva eżistenti. L-Istati Membri għandhom għalhekk jieħdu miżuri regolatorji ex ante jew ex post xierqa (bħal azzjoni sabiex jiġu emendati d-drittijiet eżistenti, ikunu pprojbti ċerti akkwisti tad-drittijiet tal-ispettru, ikunu imposti kundizzjonijiet fuq il-ħżin tal-ispettru u fuq l-użu effiċjenti, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 9(7) tad-Direttiva Kwadru, sabiex ikun limitat l-ammont ta' spettru għal kull operatur, jew sabiex tkun evitata akkumulazzjoni eċċessiva ta' spettru), sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni skont il-prinċipji tal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2002/20/KE (id-Direttiva ta' "Awtorizzazzjoni") **kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-25 ta' Novembru 2009** u l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 87/372/KEE (id-Direttiva "GSM") **kif emendata bid-Direttiva 2009/114/KE tas-16 ta' Settembru 2009.**

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) L-użu ottimali u effiċjenti tal-ispettru jeżiġi monitoraġġ kontinwu tal-iżviluppi, u informazzjoni trasparenti aġġornata dwar l-użu tal-ispettru mal-Unjoni kollha. Filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE dwar id-

Emenda

(10) L-użu ottimali u effiċjenti tal-ispettru jeżiġi monitoraġġ kontinwu tal-iżviluppi, u informazzjoni trasparenti aġġornata dwar l-użu tal-ispettru mal-Unjoni kollha. Filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE dwar id-

disponibbiltà armonizzata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispektrum fil-Komunità⁶ teżiġi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar id-drittijiet għall-użu, fl-Unjoni huma meħtieġa inventarju dettaljat tal-użu eżistenti tal-ispettru flimkien ma' metodoloġija effettiva ta' analiżi u ta' valutazzjoni sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru u tat-tagħmir tar-radju, b'mod partikolari bejn it-300 MHz u t-3 GHz. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati teknoloġiji u użi ineffiċjenti kemm fis-setturi **kummerċjali** kif ukoll f'dawk pubbliċi, u anki assenjazzjonijiet u opportunitajiet għal kondiviżjoni mhux użati, u sabiex ikunu evalwati l-ħtiġijiet futuri tal-konsumaturi u tan-negożji.

disponibbiltà armonizzata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispektrum fil-Komunità⁶ teżiġi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni dwar id-drittijiet għall-użu, fl-Unjoni huma meħtieġa inventarju dettaljat tal-użu eżistenti tal-ispettru flimkien ma' metodoloġija effettiva ta' analiżi u ta' valutazzjoni sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru u tat-tagħmir tar-radju, b'mod partikolari bejn it-300 MHz u t-3 GHz. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati teknoloġiji u użi ineffiċjenti kemm fis-setturi **privati** kif ukoll f'dawk pubbliċi, u anki assenjazzjonijiet u opportunitajiet għal kondiviżjoni mhux użati, u sabiex ikunu evalwati l-ħtiġijiet futuri tal-konsumaturi u tan-negożji.

Ġustifikazzjoni

Tinħtieġ kjarifika. L-ispettru jintuża wkoll kemm mis-settur privat kif ukoll minn dak mhux kummerċjali.

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Standards armonizzati skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet **u r-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom huma essenzjali sabiex jinkiseb użu effiċjenti tal-ispettru u għandhom *iqisu l-kundizzjonijiet tal-kondiviżjoni ddefiniti legalment***. L-istandards Ewropej għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi mhux tar-radju għandhom ukoll jevitaw disturbi għall-użu tal-ispettru. L-impatt kumulattiv taż-żieda fil-volum u fid-densità tal-apparati u tal-applikazzjonijiet bla fili flimkien mad-diversità tal-użu tal-ispettru jikkumplikja l-approċċi attwali

Emenda

(11) Standards armonizzati skont id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet, ir-rikonossiment reċiproku tal-konformità tagħhom ***u armonizzazzjonijiet tan-netwerks elettroniċi u l-apparat bla fili fil-futur*** huma essenzjali sabiex jinkiseb użu effiċjenti tal-ispettru u għandhom ***jiżguraw l-użu parallel tal-applikazzjonijiet eżistenti u ġodda***. L-istandards Ewropej għat-tagħmir u għan-netwerks elettriċi u elettroniċi mhux tar-radju għandhom ukoll jevitaw disturbi għall-użu tal-ispettru. L-impatt kumulattiv taż-żieda fil-volum u fid-densità tal-apparati u tal-applikazzjonijiet

għall-ġestjoni tal-interferenzi. Dawn għandhom jiġu eżaminati u vvalutati mill-ġdid flimkien mal-karatteristiċi tar-riċevituri u ma' mekkaniżmi iktar sofistikati biex ikunu evitati l-interferenzi. .

bla fili flimkien mad-diversità tal-użu tal-ispettru jikkumplikata l-approċċi attwali għall-ġestjoni tal-interferenzi. Dawn għandhom jiġu eżaminati u vvalutati mill-ġdid flimkien mal-karatteristiċi tar-riċevituri u ma' mekkaniżmi iktar sofistikati – ***bħall-affidabilità miżjuda tar-riċevituri kif ukoll livelli adegwati għal apparat emittenti*** - biex ikunu evitati l-interferenzi.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) F'diversi Stati Membri qed jitnedew netwerks ġodda ta' komunikazzjoni mobbli tat-tip broadband LTE (Long Term Evolution). Dawn in-netwerks jużaw il-medda ta' frekwenza bejn is-790 u t-862 MHz. Hemm xi radjomikrofoni li attwalment joperaw f'din il-medda, u b'hekk jista' jkun li qed jikkawżaw interferenza. Jista' jkun li dan jikkonċerna wkoll apparat użat fi skejjel, teatri, swali tal-konferenzi jew minn utenti kummerċjali, pubbliċi jew privati oħra. L-adattament tekniku sussegwenti meħtieġ tas-sistemi ma jistax isir mingħajr spejjeż ekonomiċi sostanzjali, u huwa imperattiv li tiġi ċċarata ta' min hi r-responsabilità f'dan ir-rigward.

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) Il-medda tat-800 MHz ***hija ottimali*** biex żoni kbar ikunu koperti mis-servizzi broadband bla fili. Il-bini fuq l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tekniċi

(13) Il-medda tat-800 MHz ***tista' tintuża*** biex żoni kbar ikunu koperti, ***pereżempju***, mis-servizzi broadband bla fili. Il-bini fuq l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet

skont id-Deċiżjoni 2010/267/UE, u fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 li tagħmel sejħa biex ix-xandir analogue jintefa sal-1 ta' Jannar 2012, u meta jiġu kkunsidrati l-iżviluppi regolatorji nazzjonali mgħaġġla, fil-prinċipju din il-medda għandha tkun disponibbli għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni **sal-2013. F'perjodu itwal ta' żmien, jista' jkun previst anki spettru addizzjonali taħt is-790 MHz, jiddependi mill-esperjenza u min-nuqqas ta' spettru f'medew oħrajn adegwati għall-kopertura.** Meta tiġi kkunsidrata l-kapaċità tal-medda tat-800 MHz sabiex titrażmetti fuq żoni kbar, mad-drittijiet **għandhom ikunu** marbuta obbligi ta' kopertura.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Spettru addizzjonali jista' jkun meħtieġ minn setturi oħrajn bħat-trasport (għal sistemi ta' sikurezza, informazzjoni u ġestjoni), l-R&D, il-protezzjoni tal-pubbliku u l-għajjnuna f' diżastri, is-saħħa elettronika (e-health) **u** l-inklużjoni elettronika (e-inclusion). L-ottimizzazzjoni tas-sinerġji bejn il-politika dwar l-ispettru u l-attivitajiet ta' R&D kif ukoll it-twettiq ta' studji dwar il-kompatibbiltà tar-radju bejn l-utenti differenti tal-ispettru għandhom jgħinu lill-innovazzjoni. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għandu jgħin fl-iżvilupp tal-aspetti tekniċi tar-regolamentazzjoni tal-ispettru, prinċipalment billi jipprovdi faċilitajiet għall-ittestjar sabiex ikunu vverifikati l-mudelli tal-interferenzi rilevanti għal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-riżultati tar-riċerka taħt is-Seba' Programm Qafas jeżiġu l-eżami tal-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-proġetti li jista'

tekniċi skont id-Deċiżjoni 2010/267/UE, u fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2015 li tagħmel sejħa biex ix-xandir analogue jintefa sal-1 ta' Jannar 2012, u meta jiġu kkunsidrati l-iżviluppi regolatorji nazzjonali mgħaġġla, fil-prinċipju din il-medda għandha tkun disponibbli għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Unjoni **sal-2015.** Meta tiġi kkunsidrata l-kapaċità tal-medda tat-800 MHz sabiex titrażmetti fuq żoni kbar, mad-drittijiet **se jkun** marbuta obbligi ta' kopertura.

Emenda

(15) Spettru addizzjonali jista' jkun meħtieġ minn setturi oħrajn bħat-trasport (għal sistemi ta' sikurezza, informazzjoni u ġestjoni), l-R&D, il-protezzjoni tal-pubbliku u l-għajjnuna f' diżastri, is-saħħa elettronika (e-health), l-inklużjoni elettronika (e-inclusion) **u l-kultura.** L-ottimizzazzjoni tas-sinerġji bejn il-politika dwar l-ispettru u l-attivitajiet ta' R&D kif ukoll it-twettiq ta' studji dwar il-kompatibbiltà tar-radju bejn l-utenti differenti tal-ispettru għandhom jgħinu lill-innovazzjoni. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni għandu jgħin fl-iżvilupp tal-aspetti tekniċi tar-regolamentazzjoni tal-ispettru, prinċipalment billi jipprovdi faċilitajiet għall-ittestjar sabiex ikunu vverifikati l-mudelli tal-interferenzi rilevanti għal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-riżultati tar-riċerka taħt is-Seba' Programm Qafas jeżiġu l-eżami tal-ħtiġijiet

jkollhom potenzjal ekonomiku jew ta' investiment kbir, b' mod partikolari għall-SMEs, eż. ir-radju konjittiv jew is-saħħa elettronika. Għandha tkun żgurata anki protezzjoni adegwata minn interferenza dannuża sabiex ikunu sostnuti attivitajiet ta' R&D u xjentifiċi.

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

relatati mal-ispettru tal-proġetti li jista' jkollhom potenzjal ekonomiku jew ta' investiment kbir, b' mod partikolari għall-SMEs, eż. ir-radju konjittiv jew is-saħħa elettronika. Għandha tkun żgurata anki protezzjoni adegwata minn interferenza dannuża sabiex ikunu sostnuti attivitajiet ta' R&D u xjentifiċi.

Emenda

(15a) Barra minn hekk, l-espansjoni tal-ispettru mis-setturi msemmija hawn fuq għandha tkun akkumpanjata b'informazzjoni pubblika dwar l-użu addizzjonali tal-ispettru, kif ukoll bi programmi ta' taħriġ, li jippermettu li-ċittadini jwessgħu l-inizjattivi uffiċjali inerenti u joħlqu kapaċità reali li tiġi mmobilizzata s-soċjetà.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Ir-regolamentazzjoni tal-ispettru għandha dimensjonijiet transkonfinali jew internazzjonali kbar, minħabba karatteristiċi ta' propagazzjoni, in-natura internazzjonali tas-swieq li jiddependu minn servizzi bbażati fuq ir-radju, u l-ħtieġa li tkun evitata interferenza dannuża bejn il-pajjiżi. Barra minn hekk, ir-referenzi għal ftehimiet internazzjonali fid-Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE kif emendati ifissru li l-Istati Membri m'għandhomx jidħlu għal obbligi internazzjonali li jipprevjenu jew

Emenda

(19) Ir-regolamentazzjoni tal-ispettru għandha dimensjonijiet transkonfinali jew internazzjonali kbar, minħabba karatteristiċi ta' propagazzjoni, in-natura internazzjonali tas-swieq li jiddependu minn servizzi bbażati fuq ir-radju, u l-ħtieġa li tkun evitata interferenza dannuża bejn il-pajjiżi. Barra minn hekk, ir-referenzi għal ftehimiet internazzjonali fid-Direttivi 2002/21/KE u 2002/20/KE kif emendati ifissru li l-Istati Membri m'għandhomx jidħlu għal obbligi internazzjonali li jipprevjenu jew

jirrestrinġu t-twettiq tal-obbligi tagħhom tal-Unjoni . L-Istati Membri għandhom, skont il-ġurisprudenza, **jidħlu għall-isforzi kollha meħtieġa biex jippermettu** rappreżentanza xierqa tal-Unjoni **fi kwistjonijiet taħt il-kompetenza tagħha** f'entitajiet internazzjonali inkarigati bil-koordinazzjoni tal-ispettru. **Barra minn hekk, fejn tkun involuta politika jew kompetenza tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tixpruna politikament il-preparazzjoni tan-negozjati u jkollha rwol f'negozjati multilaterali, inkluż fl-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU) li jikkorrispondi għal-livell ta' responsabbiltà tagħha għal kwistjonijiet relatati mal-ispettru skont il-liġi tal-Unjoni.**

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) **Sabiex ikun hemm evoluzzjoni mill-prattika attwali u bini fuq il-prinċipji ddefiniti fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Frar 1992 dwar il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-Konferenza Amministrattiva Dinjija tar-Radju tal-1992, u fejn il-Konferenzi Dinjija dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju (WRC) u negozjati multilaterali oħrajn imissu prinċipji u kwistjonijiet ta' politika b'dimensjoni sinifikanti tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tkun tista' tistabbilixxi proċeduri ġodda sabiex tiddefendi l-interessi tagħha f'negozjati multilaterali, minbarra l-għan fit-tul li ssir membru tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni flimkien mal-Istati Membri; għal dan il-għan, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG), tista' anki tipproponi**

jirrestrinġu t-twettiq tal-obbligi tagħhom tal-Unjoni . L-Istati Membri għandhom, skont il-ġurisprudenza **u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jeżaminaw x'arranġamenti hemm bżonn biex tiġi żgurata** rappreżentanza xierqa **tal-interessi komuni** tal-Unjoni f'entitajiet internazzjonali inkarigati bil-koordinazzjoni tal-ispettru, **u jimplimentaw ir-riżultati miksuba mingħajr dewmien.**

Emenda

(20) **Filwaqt li taġixxi bi ftehim mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta dwar kif, fil-Konferenzi Dinjija dwar il-Komunikazzjoni bir-Radju (WRC) u f'negozjati multilaterali oħrajn li jmissu prinċipji u kwistjonijiet ta' politika b'dimensjoni sinifikanti tal-Unjoni, l-interessi komuni tal-Unjoni jistgħu jiġu rrappreżentati b'mod xieraq mill-istituzzjonijiet tagħha. Fl-istess ħin, bi ftehim mal-Kunsill, għandha tiġi eżaminata u, jekk xieraq, implimentata s-sħubija tal-Unjoni fl-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni flimkien mal-Istati Membri.**

għanijiet ta' politika komuni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif inhu stabbilit fid-Direttiva 2002/21/KE .

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Il-Kummissjoni **għandha** tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati miksuba taħt din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar l-azzjonijiet futuri ppjanati.

Emenda

(24) Il-Kummissjoni *se* tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati miksuba taħt din id-Deċiżjoni, kif ukoll dwar l-azzjonijiet futuri ppjanati.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għall-protezzjoni mogħtija lill-atturi tas-suq permezz tad-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li temenda d-Direttivi 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE dwar l-aċċess għal, u l-interkonnnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi';

¹ ĠU L 337, 18.12.2009, p. 37.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Għan

Emenda

Għan *u kamp ta' applikazzjoni*

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm tal-politika tal-ispettru tar-radju għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru sabiex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi, ***b'konformità mad-Direttiva Qafas u d-Direttivi 2002/20/KE u 2002/19/KE kif emendati bid-Direttiva 2009/140/KE, id-Direttiva 2002/22/KE kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE, u d-Deċiżjoni Nru 67/2002/KE***, programm tal-politika tal-ispettru tar-radju għall-ippjanar strateġiku u għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-ispettru sabiex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għal-liġi eżistenti tal-UE u l-miżuri meħuda f'livell nazzjonali, b'konformità mal-liġi tal-UE, biex jiġu segwiti għanijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari b'rabra mar-regolamentazzjoni tal-kontenut u l-politika awdjoviżiva, kif ukoll mad-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tagħhom għal skopijiet ta' ordni pubblika u sigurtà pubblika u tad-difiża.

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikun inkoraġġit l-użu effiċjenti tal-ispettru sabiex tiġi sodisfatta bl-aħjar mod id-domanda dejjem ikbar għall-użu tal-frekwenzi;

Emenda

(a) ikun inkoraġġit l-użu effiċjenti tal-ispettru sabiex tiġi sodisfatta bl-aħjar mod id-domanda dejjem ikbar għall-użu tal-frekwenzi, ***filwaqt li jiġi kkunsidrat il-valur soċjali, kulturali u ekonomiku tal-ispettru b'mod ġenerali***;

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tiġi applikata n-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi fl-użu tal-ispettru għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru), u fejn ikun possibbli għal setturi u għal applikazzjonijiet oħrajn, b'tali mod li tkun promossa l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru, b'mod partikolari billi titrawwem il-flessibbiltà, u tkun promossa l-innovazzjoni;

Emenda

(b) tiġi applikata n-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi fl-użu tal-ispettru għan-netwerks u għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE (Direttiva Kwadru) ***kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE***, u fejn ikun possibbli għal setturi u għal applikazzjonijiet oħrajn, b'tali mod li tkun promossa l-effiċjenza tal-użu tal-ispettru, b'mod partikolari billi titrawwem il-flessibbiltà, u tkun promossa l-innovazzjoni;

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) tiġi applikata ***l-inqas*** sistema ta' awtorizzazzjoni ***oneruża*** possibbli b'tali mod li jiġu massimizzati l-flessibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tal-ispettru;

Emenda

(c) tiġi applikata ***l-aktar*** sistema ***xierqa*** ta' awtorizzazzjoni possibbli b'tali mod li jiġu massimizzati l-flessibbiltà u l-effiċjenza fl-użu tal-ispettru;

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari billi tkun żgurata kompetizzjoni effettiva.

Emenda

(d) jiġi ggarantit il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari billi tkun żgurata kompetizzjoni effettiva, ***biex jiġrawmu kemm id-diversità kulturali u l-pluraliżmu fil-midja b'konformità mad-Direttiva Qafas kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali.***

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ikun disponibbli f'mument adattat spettru xieraq suffiċjenti sabiex ikunu appoġġjati l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni;

Emenda

(a) ikun disponibbli f'mument adattat spettru xieraq suffiċjenti sabiex ikunu appoġġjati l-għanijiet tal-politika tal-Unjoni ***dwar l-ispettru filwaqt li jiġiqes il-potenzjal ta' żvilupp tax-xandir bir-radju;***

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tiġi massimizzata l-flessibbiltà fl-użu tal-ispettru, sabiex ikunu promossi l-innovazzjoni u l-investment, permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi, il-ftuħ tal-ispettru għal servizzi ġodda, u l-possibbiltà li jsir negozju fid-drittijiet tal-ispettru;

Emenda

(b) tiġi massimizzata l-flessibbiltà fl-użu tal-ispettru, sabiex ikunu promossi l-innovazzjoni u l-investment, permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji tan-newtralità tat-teknoloġija u tas-servizzi, il-ftuħ tal-ispettru għal servizzi ġodda, u l-possibbiltà li jsir negozju fid-drittijiet tal-ispettru; ***F'dan ir-rigward, L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri li jitbiegħdu minn dan il-***

prinċipju jekk il-miżuri inkwistjoni jkunu jaqdu l-għanijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva Kwadru;

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-ispettru billi tingħata preferenza lit-teknoloġiji li jużaw ammont żgħir ta' spettru; isir użu komplementari ta' teknoloġiji bħal pereżempju Hotspots u Wi-Fi, li ma jeħtiġu l-ebda spettru.

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jitkabbar l-użu effiċjenti tal-ispettru billi jsir użu mill-benefiċċji tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali u jiġi miżjud l-użu ta' tipi ta' awtorizzazzjoni ta' din ix-xorta;

(c) jitkabbar l-użu effiċjenti tal-ispettru billi jsir użu mill-benefiċċji tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali u jiġi miżjud l-użu ta' tipi ta' awtorizzazzjoni ta' din ix-xorta, *u titjeb il-pożizzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-koeżistenza ta' applikazzjonijiet qodma u ġodda;*

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) tkun evitata interferenza dannuża jew disturbi dannużi *minn* apparati *tar-radju jew mhux tar-radju oħrajn* billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' standards li jagħtu

(f) tkun evitata interferenza dannuża jew disturbi dannużi *bejn* apparati billi jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' standards li jagħtu lok għal użu flessibbli u effiċjenti tal-

lok għal użu flessibbli u effiċjenti tal-ispettru, u billi titkabbar l-immunità tar-riċevituri għall-interferenza, fejn jitqies partikolarment l-impatt kumulattiv tal-volumi u tad-densità dejjem ikbar tal-apparati u tal-applikazzjonijiet tar-radju;

ispettru, u billi titkabbar l-immunità tar-riċevituri għall-interferenza **jew kontrolli ta' ħruġ xierqa għalihom**, fejn jitqies partikolarment l-impatt kumulattiv tal-volumi u tad-densità dejjem ikbar tal-apparati u tal-applikazzjonijiet tar-radju;

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' awtorizzazzjoni u ta' allokkazzjoni xierqa għall-iżvilupp tas-servizzi broadband, f'konformità mad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni), bħal li l-operaturi rilevanti, fejn ikun possibbli u fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 11, jitħallew ikollhom aċċess dirett jew indirett għal blokki biswit xulxin tal-ispettru ta' mill-inqas 10 MHz.

Emenda

1. Sal-1 ta' Jannar 2013, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' awtorizzazzjoni u ta' allokkazzjoni xierqa għall-iżvilupp tas-servizzi broadband, f'konformità mad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) **kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE**, bħal li l-operaturi rilevanti, fejn ikun possibbli u fuq il-bażi ta' konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 11, jitħallew ikollhom aċċess dirett jew indirett għal blokki biswit xulxin tal-ispettru ta' mill-inqas 10 MHz.

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni jippromwovu l-investment u l-użu effiċjenti tal-ispettru.

Emenda

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' selezzjoni jippromwovu l-investment u l-użu effiċjenti tal-ispettru **u l-koeżistenza bejn is-servizzi u l-apparati ġodda u eżistenti għall-benefiċċju tal-utenti aħħarin u l-konsumaturi.**

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Kompetizzjoni

Emenda

*Prinċipji regolatorji dwar il-kompetizzjoni
fil-qasam tal-komunikazzjonijiet
elettroniċi*

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

*1. L-Istati Membri għandhom iżommu u
jippromwovu kompetizzjoni effettiva u
jevitaw distorsjonijiet tal-kompetizzjoni
fis-suq intern jew f'parti sostanzjali
minnu.*

Emenda

imħassar

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

*2. Sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ l-
obbligi tal-paragrafu 1, u b'mod
partikolari sabiex jiżguraw irwieħhom li l-
kompetizzjoni ma tkunx suġġetta għal
distorsjonijiet minħabba kwalunkwe
akkumulazzjoni, trasferiment jew
modifika fid-drittijiet għall-użu tal-
frekwenzi tar-radju, l-Istati Membri
jistgħu jadottaw, fost l-oħrajn, il-miżuri li
ġejjin, li huma bla ħsara għall-
applikazzjoni tar-regoli dwar il-
kompetizzjoni:*

Emenda

*2. Sabiex tinżamm u tiġi promossa
kompetizzjoni effikaċi fis-suq intern u
skont l-Artikolu 9(7) tad-Direttiva Qafas u
l-Artikolu 5(6) tad-Direttiva ta'
Awtorizzazzjoni, l-Istati Membri jistgħu
jadottaw, fost l-oħrajn, il-miżuri li
ġejjin, li huma bla ħsara għall-applikazzjoni tar-
regoli dwar il-kompetizzjoni:*

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) L-Istati Membri jistgħu jemendaw id-drittijiet eżistenti, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva **2002/20/KE** meta dan ikun meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata l-akkumulazzjoni eċċessiva tal-frekwenzi tal-ispettru ex-post f'ċerti operatori ekonomiċi li tagħmel ħsara b'mod sinifikanti lill-kompetizzjoni.

Emenda

(d) L-Istati Membri jistgħu jemendaw id-drittijiet eżistenti, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva **ta' Awtorizzazzjoni**, meta dan ikun meħtieġ sabiex tiġi rrimedjata l-akkumulazzjoni eċċessiva tal-frekwenzi tal-ispettru ex-post f'ċerti operatori ekonomiċi li tagħmel ħsara b'mod sinifikanti lill-kompetizzjoni.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' selezzjoni **jevitaw dewmien u** jippromwovu kompetizzjoni effettiva.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw irwieħhom li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ta' selezzjoni jippromwovu kompetizzjoni effettiva, **jevitaw id-dewmien mhux ġustifikat u jqisu l-pożizzjoni tal-konsumaturi fir-rigward tal-koeżistenza ta' applikazzjonijiet.**

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Sal-1 ta' Jannar 2013***, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-medda tat-800 MHz disponibbli għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi f'konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati stabbiliti skont id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. ***F'każijiet eċċezzjonali***

Emenda

3. ***Sas-17 ta' Ġunju 2015***, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-medda tat-800 MHz disponibbli għas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi f'konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati stabbiliti skont id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE. ***Fl-Istati Membri fejn***

ġġustifikati b' mod xieraq minħabba raġunijiet tekniċi, il-Kummissjoni tista' tawtorizza derogi speċifiċi sal-2015. Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2002/21/KE, il-Kummissjoni, f' kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha żżomm taħt eżami l-użu tal-ispettru taħt il-1 GHz u tivvaluta jekk l-ispettru addizzjonali jistax jiġi lliberat u jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda.

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri, f' kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw irwieħhom li l-provvista ta' aċċess għall-kontenut u għas-servizzi broadband permezz tal-medda ta' 790-862 MHz (800 MHz) ikun inkoraġġit f' żoni ftit li xejn popolati, b' mod partikolari permezz tal-obbligi tal-koperatura; meta jagħmlu dan, huma għandhom **jeżaminaw modi u, fejn ikun meħtieġ, jieħdu miżuri xierqa sabiex** jiżguraw irwieħhom li l-liberalizzazzjoni tal-medda tat-800 MHz ma taffetwax ħażin lill-utenti tal-ħolqien ta' programmi u ta' avvenimenti speċjali (PMSE).

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 4 a (ġdid)

il-proċess tal-bidla diġitali diġà jinsab avvanzat ġmielu jew diġà tlesta u fejn il-migrazzjoni tas-servizzi obligatorji tista' tkun ġestita fil-ħin, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-medda ssir disponibbli sal-1 ta' Jannar 2013.

Emenda

4. L-Istati Membri, f' kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw irwieħhom li l-provvista ta' aċċess għall-kontenut u għas-servizzi broadband permezz tal-medda ta' 790-862 MHz (800 MHz) ikun inkoraġġit f' żoni ftit li xejn popolati, b' mod partikolari permezz tal-obbligi tal-koperatura; meta jagħmlu dan, huma għandhom jiżguraw irwieħhom li l-liberalizzazzjoni tal-medda tat-800 MHz ma taffetwax ħażin lill-utenti *ta' servizzi* tal-ħolqien ta' programmi u ta' avvenimenti speċjali (PMSE) **u t-trażmissjonijiet bir-radju eżistenti jew futuri u li jittieħdu miżuri xierqa sabiex l-utenti eżistenti jiġu kkompensati għall-ispejjeż attwali u futuri tal-migrazzjoni. B'rabta mat-tqassim mill-ġdid tal-medda tat-800 MHz, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-użu ta' riċevituri mingħajr interferenza min-naħa tal-utenti finali.**

4a. L-Istati Membri, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw li l-miżuri tekniċi u regolatorji meħtieġa jiġu implimentati sabiex jiġu evitati l-interferenzi bejn is-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniki fil-medda tal-frekwenza ta' 800 MHz u l-utenti tal-PMSE taħt is-790 MHz.

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna tadotta, b'halta prijorità, miżuri xierqa, skont l-Artikolu 9b(3) tad-Direttiva **2002/21/KE**, sabiex tiżgura ruħha li l-Istati Membri jippermettu negozju fl-Unjoni tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru fil-meded armonizzati ta' 790–862 MHz (il-“medda tat-800 MHz”), 880–915 MHz, 925–960 MHz, 1710–1785 MHz, 1805–1880 MHz, 1900–1980 MHz, 2010–2025 MHz, 2110–2170 MHz, 2.5–2.69 GHz, u 3.4–3.8 GHz.

Emenda

5. Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna tadotta, b'halta prijorità, miżuri xierqa, skont l-Artikolu 9b(3) tad-Direttiva **Qafas**, sabiex tiżgura ruħha li l-Istati Membri jippermettu negozju fl-Unjoni tad-drittijiet għall-użu tal-ispettru fil-meded armonizzati ta' 790–862 MHz (il-“medda tat-800 MHz”), 880–915 MHz, 925–960 MHz, 1710–1785 MHz, 1805–1880 MHz, 1900–1980 MHz, 2010–2025 MHz, 2110–2170 MHz, 2.5–2.69 GHz, u 3.4–3.8 GHz.

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha mid-disponibbiltà **ta' meded** tal-ispettru **addizzjonali** għall-provvista ta' servizzi satellitari armonizzati għal aċċess broadband li se jkopru t-territorju kollu tal-Unjoni inklużi l-iktar żoni mbiegħda b'offerta ta' broadband li tagħti l-possibbiltà li jkun hemm aċċess

Emenda

6. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha mid-disponibbiltà **kontinwa** tal-ispettru għall-provvista ta' servizzi satellitari armonizzati għal aċċess broadband li se jkopru t-territorju kollu tal-Unjoni inklużi l-iktar żoni mbiegħda b'offerta ta' broadband li tagħti l-possibbiltà li jkun hemm aċċess għall-

għall-Internet **bi prezz paragunabbli għall-offerti terrestri.**

Internet.

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp futur tas-servizzi medjatiċi awdjoviżivi innovattivi, li jirriżultaw b'mod partikolari mit-tranżizzjoni għat-televiżjoni diġitali, l-Istati Membri, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni, u filwaqt li jikkunsidraw il-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tas-suq intern diġitali, għandhom jiżguraw id-disponibilità tal-ispettru għall-forniment ta' servizzi medjatiċi awdjoviżivi u jipproteġu l-frekwenzi tar-radju li dawn jeħtieġu.

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha li jkun disponibbli spettru suffiċjenti f'kundizzjonijiet armonizzati sabiex ikun appoġġjat l-iżvilupp ta' servizzi ta' sikurezza u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-apparati relatati kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli u innovattivi għall-protezzjoni tal-pubbliku u għall-ġhajjnuna f'diżastri.

3. L-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jiżguraw li jkun disponibbli spettru suffiċjenti f'kundizzjonijiet armonizzati sabiex ikun appoġġjat l-iżvilupp ta' servizzi ta' sikurezza u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-apparati relatati kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet interoperabbli u innovattivi għall-protezzjoni tal-pubbliku u għall-ġhajjnuna f'diżastri. ***L-ispettru użat għax-xandir tar-radju m'għandux jiġi affettwat.***

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom janalizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-komunità xjentifika u jikkollaboraw magħha; għandhom jidentifikaw numru ta' inizjattivi ta' riċerka u ta' żvilupp kif ukoll applikazzjonijiet innovattivi li jista' jkolhom impatt soċjoekonomiku kbir u/jew potenzjal għal investment kbir u jippreparaw għall-allokazzjoni ta' spettru suffiċjenti għal applikazzjonijiet ta' din ix-xorta f'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u bl-inqas piż amministrattiv oneruż.

Emenda

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom janalizzaw il-ħtiġijiet relatati mal-ispettru tal-komunità xjentifika **u akkademika** u jikkollaboraw magħha; għandhom jidentifikaw numru ta' inizjattivi ta' riċerka u ta' żvilupp kif ukoll applikazzjonijiet innovattivi li jista' jkolhom impatt soċjoekonomiku kbir u/jew potenzjal għal investment kbir u jippreparaw għall-allokazzjoni ta' spettru suffiċjenti għal applikazzjonijiet ta' din ix-xorta f'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u bl-inqas piż amministrattiv oneruż.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Inventarju **u monitoraġġ** tal-użi eżistenti ta' u tal-ħtiġijiet emerġenti għall-ispettru

Emenda

Inventarju tal-użi eżistenti ta' u tal-ħtiġijiet emerġenti għall-ispettru

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-Kummissjoni, mgħejjuna mill-Istati Membri, li għandhom jipprovd u l-informazzjoni kollha xierqa dwar l-użu tal-ispettru, għandha toħloq inventarju tal-użu eżistenti tal-ispettru u tal-ħtiġijiet futuri possibbli għall-ispettru fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-medda mit-300 MHz sat-3 GHz.**

Emenda

1. **B'konformità mas-sistemi ta' kompetenzi nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri, għandhom joħlqu inventarju tal-użu eżistenti tal-ispettru u tal-ħtiġijiet futuri possibbli għall-ispettru fit-territorji rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fil-medda mit-300 MHz sat-3 GHz. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jeżaminaw l-effiċjenza teknika tal-frekwenzi użati għal servizzi ġodda.**

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-inventarju msemmi fil-paragrafu (1) għandu jippermetti l-valutazzjoni tal-effiċjenza teknika tal-użi eżistenti tal-ispettru u l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji u tal-applikazzjonijiet ineffiċjenti, kif ukoll tal-opportunitajiet tal-ispettru u tal-kondiviżjoni tal-ispettru li ma ntużawx jew li ntużaw b'mod ineffiċjenti. Huwa għandu jqis il-ħtiġijiet futuri għal spettru bbażat fuq id-domandi tal-konsumaturi u tal-operaturi, u l-possibbiltà li jiġu sodisfatti ħtiġijiet ta' din ix-xorta.

Emenda

2. L-inventarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jippermetti l-valutazzjoni tal-effiċjenza teknika tal-użi eżistenti tal-ispettru u l-identifikazzjoni tat-teknoloġiji u tal-applikazzjonijiet ineffiċjenti, kif ukoll tal-opportunitajiet tal-ispettru u tal-kondiviżjoni tal-ispettru li ma ntużawx jew li ntużaw b'mod ineffiċjenti. ***Barra minn hekk għandu jiġi żgurat li fil-każ ta' użu mhux ottimali jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tintlaħaq utilizzazzjoni kemm jista' jkun effiċjenti.*** Huwa għandu jqis il-ħtiġijiet futuri għal spettru bbażat fuq id-domandi tal-konsumaturi u tal-operaturi, u l-possibbiltà li jiġu sodisfatti ħtiġijiet ta' din ix-xorta.

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Unjoni għandha tipparteċipa f'negozjati internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet relatati mal-ispettru sabiex tiddefendi l-interessi tagħha, filwaqt li taġixxi skont il-liġi tal-Unjoni dwar, fost l-oħrajn, il-prinċipji tal-kompetenzi interni u esterni tal-Unjoni.

Emenda

imħassar

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regolamenti internazzjonali jippermettu l-użu sħiħ tal-meded ta' frekwenza għall-għanijiet li għalihom ġew iddeżinjati skont il-liġi tal-Unjoni; u li ammont suffiċjenti ta' spettru protett b'mod xieraq ikun disponibbli għall-politiki settorjali tal-Unjoni.

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regolamenti internazzjonali jippermettu l-użu sħiħ tal-meded ta' frekwenza għall-għanijiet li għalihom ġew iddeżinjati skont il-liġi **nazzjonali u** tal-Unjoni, u li ammont suffiċjenti ta' spettru protett b'mod xieraq ikun disponibbli għall-politiki settorjali tal-Unjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Il-politika tal-ispettru tar-radju
Referenzi	COM(2010)0471 – C7-0270/2010 – 2010/0252(COD)
Kumitat responsabbli	ITRE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 23.9.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Petra Kammerevert 19.10.2010
Eżami fil-kumitat	2.12.2010
Data tal-adozzjoni	3.3.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 –: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Silvia Costa, Mary Honeyball, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marietje Schaake, Timo Soini, Emil Stoyanov, Helga Trüpel, Marie-Christine Vergiat, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Iosif Matula, Georgios Papanikolaou, Hella Ranner, Mitro Repo, Joanna Katarzyna Skrzydlewska